MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 5/2005/1

**Fl-Atti tac-Citazzjoni nru. 1555/95 GV**
**deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2004**
**fl-ismijiet:**

**Maria Dolores sive Doris Debono**

**v.**

**Alfred u Doris konjugi Galea**

**Rikors Numru 5/05**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat minn Maria Dolores Debono fl-20 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 2004, u dan in vista ta' rikors ghal ritrattazzjoni presentat kontestwalment mar-rikors *de quo*, u dan skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12;

Rat ukoll ir-rikors presentat fl-1 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu ir-rikorrenti Maria Dolores Debono talbet li din il-Qorti, kif presjeduta u komposta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors taghha tal-20 ta' Jannar, 2005 u dan peress li l-istess tlett imhallfin komponenti din il-Qorti kienu taw is-sentenza li kemm ir-ritrattazzjoni taghha, kif ukoll it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni taghha, qed tigi issa mitluba;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2005;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-talba sabiex din il-Qorti kif komposta tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors *de quo* (cioe` r-rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza) – din it-talba hija proprjament eccezzjoni ta' rikuza – din il-Qorti tara li din it-talba hija infondata. Din il-Qorti, bir-rikors tal-20 ta' Jannar, 2005 maghmul ghall-fini tal-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12, b'ebda mod ma hija qed tigi mitluba biex tirriezamina l-operat taghha fir-rigward tal-vertenza bejn il-partijiet deciza fid-29 ta' Ottubru, 2004. Il-Qorti trid tara biss jekk *prima facie* tirrikorrix is-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artkolu 823, u jekk il-garanzija migjuba ghall-finijiet tal-paragrafu (a) ta' l-imsemmi subartikolu hix wahda tajba tenut kont tac-cirkostanzi kollha (u cioe` meta wiehed jiehu anke in konsiderazzjoni dak li jipprovdi s-subartikoli (10) tal-Artikolu 266, li ghalih jirreferi l-paragrafu (a) imsemmi). Dak li jrid jigi deciz, ghalhekk, hija proprjament kwistjoni

“gdida” bejn il-partijiet, ghalkemm naxxenti minn sentenza li ghaddiet in gudikat u li giet moghtija minn din il-Qorti kif illum komposta. Wiehed jista’, infatti, jigbed analogija ma’ dak li jigri meta tintalab l-esekuzzjoni provvisorja ta’ sentenza moghti fl-ewwel grad. Huwa l-istess gudikant li jkun ippronunzja s-sentenza fl-ewwel grad li neccessarjament jiddeciedi jekk ghandiex tintlaqa’ t-talba ghall-esekuzzjoni provvisorja ta’ dik is-sentenza qabel ma tkun ghaddiet in gudikat, u dan mhux biss ghax dak li jkollu quddiemu tkun proprjament kwistjoni gdida bejn il-partijiet u mhux l-istess kwistjoni minnu deciza bis-sentenza, izda wkoll ghax dik il-kwistjoni gdida ghandha tigi deciza kemm jista’ jkun malajr (Art. 266(3)), u hu evidenti li hadd aktar mill-gudikant li jkun sema’ il-kawza ma jkun f’posizzjoni tajba li jaghmel dan. Provvedimenti dwar l-esekuzzjoni (jew is-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni) ta’ sentenza jistghu dejjem jinghataw mill-istess gudikant li jkun ippronunzja dik is-sentenza. Ghalhekk it-talba ghar-rikuza ta’ l-imhallfin komponenti din il-Qorti ser tigi michuda;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Kwantu ghat-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza din il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, u b’mod partikolari s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza msemmija, hija tal-fehma li ghandha takkorda t-talba peress li hi sodisfatta li jirrizulta dak prospettat fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 823(2) imsemmi. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-garanzija migjuba ta’ erba’ mitt lira (Lm400) hija wahda tajba ghall-finijiet tal-paragrafu (a).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti:

1. tirrespingi l-eccezzjoni tar-rikuza ta’ l-Imhallfin komponenti din il-Qorti kif migjuba fir-rikors ta’ Maria Dolores Debono ta’ l-1 ta’ Frar, 2005;
2. tilqa’ t-talba ta’ Maria Dolores Debono kif migjuba fir-rikors taghha tal-20 ta’ Jannar, 2005 u konsegwentement tordna t-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet premessi deciza fid-29 ta’ Ottubru, 2004

pendenti l-ezitu tar-rikors ghar-ritrattazzjoni, b’dan li l-erba’ mitt lira depozitati mill-istess Maria Dolores Debono fl-20 ta’ Jannar, 2005 ghandhom jigu kkunsidrati bhala garanzija ghall-finijiet u fetti kollha tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 tal-Kap. 12.

L-ispejjez ta’ dan il-provvediment ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------